# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, l-Erbgha 9 ta' Frar, 2022

Avviz tat-Talba numru: 294/2021 CL

It-Tribunal;

**Laurence u Josephine Konjugi Cassar**

[K.I. NRU. 414489M u 333374M)

**VERSUS**

**Mark u Romina Vella**

[K.I. NRU. 69977M u 148678M)

It-Tribunal;

Din hi sentenza dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja tal-konvenut.

1. B'Avviz tat-Talba mressaq nhar il-21 ta' Ottubru 2021, l-atturi talbu li l- konvenut jigu kkundannati ihalsu l-ammont ta' tlett elef euro (€3,000) rapprezentanti danni ghal-ingress tal-ilma fil-propjeta taghhom.
2. Il-konvenuti gew nnotifikati fit-2 ta' Novembru 2021 bl-avviz tat-talba izda naqsu li jipprezentaw risposta fi zmien mitlub mill-ligi.
3. illi fis-6 ta' Dicembru 2021 il-konvenuti ipprezentaw rikors, fejn permezz tieghu talbu li jiggustifikaw il-qaghda kontumacjali taghhom, stante illi huma kienu taht l-impressjoni li s-socjeta ma min kienu assikurati kienet ser tiehu hsieb li tassistihom fil-kawza odjerna, izda fis-17 ta' Novembru 2021 ircevew ittra eletronika mis-socjeta assikuratrici illi infurmathom illi kellhom jqabdu avukat tal-fiducja taghhom sabiex jassistihom;
4. illi fil-15 ta' Dicembru 2021, li kienet fil-fatt l-ewwel dehra, rapprezentant legali tal-konvenuti deher quddiem it-Tribunal u inghata terminu lil-atturi sabiex jwiegbu ghal dan ir-rikors.

5. L-atturi ipprezentaw risposta ghal dan ir-rikors fl-4 ta' Jannar 2022 fejn oggezzjonaw ghal din it-talba u talbu li l-konvenuti jigu iddikjarati bhala kontumaci.

Fid-dawl ta' dak suefferit it-Tribunal jinnota illi meta l-konvenuti ircevew l-avviz tat-talba huma kienu kelmu lis-socjeta assikurativa taghhom u minkejja li ma dahlux ir-risposta fil-hin, ir-rikors ghal-gustifikazzjoni tal-kontumacja gie ipprezentat qabel l-ewwel dehra quddiem it-Tribunal.

il-kontumacja hi deskritta bhala dispett lejn l-awtorità gudizzjarja izda fic-cirkustanzi it-Tribunal huwa suddisfatt illi il-fatt illi l-konvenuti ikkomunikaw mas-socjeta assikurativa, ipprezentaw rikors qabel l-ewwel dehra u dehru fl-ewwel dehra quddiem it-Tribunal ma jistax jigi ikkonsidrat bhala ghemil traskurat.

Ghaldaqstant, fid-dawl tac-cirkostanzi fuq deskritti, it-Tribunal jemmen li l-konvenuti irnexxielhom jiggustifika l-kontumacja taghhom u f'dan is-sens dan it-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-konvenuti kif dedotta fir-rikors taghhom tas-6 ta' Dicembru 2021 u qed jawtorizza u jordna lill-istess konvenuti sabiex fi zmien tmintax (18)-il gurnata perentorji mid-data ta' din is-sentenza huma jghaddu biex iressqu risposta kontenenti l-eccezzjonijiet kollha taghhom dwar dan il-kaz.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**